KUNSILL LOKALI
MOSTA
LOCAL COUNCIL

**LAQGĦA TAL-KOMMUNITA – It-Tlieta 17 ta' Diċembru, 2013**

**RAPPORT AMMINISTRATTIV**

**GĦAL PERIJODU ĠUNJU 2012 – DIĊEMBRU 2013**

Qegħdin fil-21 xahar tas-Sitt Kunsill tal-Mosta li ġie elett fl-aħħar ta' Marzu 2012. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti beda fil-kariga tiegħu bħala l-kap amministrattiv fl-ewwel ta' Ġunju, 2012. Iżda, bħal ma tafu, s-Sur John J. Camilleri kien diġa jmexxi l-amministrazjoni ta' dan il-Kunsill għal xi snin matul il-leġislatura tal-Ħames Kunsill ta' bejn 2007 u 2012 u għalhekk ma kienx diffiċli għalih li jerġa jingrana wara taqlib u tibdil ta diversi Aġenti Segretarji Eżekuttivi fil-perjodu ta' sentejn li huwa kien nieqes.

**WORK PRACTICES**

Appena beda l-inkarigu tiegħu, s-Sur Camilleri innota li ħafna mill-*WORK PRACTICES* kemm tal-impjegati klerikali u kif ukoll ta' dawk industriali *(handymen)* kienu llaxkaw u f'ċerti każi anke twarbu għal-kollox. Kien għalhekk importanti li terġa tiddaħħal dixxiplina u prassi ta' kontabilita fix-xogħol ta' kull

impjegat. L-ewwel pass kien billi nħarġet sejħa għal-ingaġġ ta' impjegata klerikali ġdida sabiex jittaffa xi ftit n-nuqqas serju ta' *staff* li għandu l-Kunsill tal-Mosta. Ta min jgħid li skont il-liġi kunsill kbir bhal dan tal-Mosta huwa ntitolat li jkollu staff ta' 10 skrivani (wieħed għal-kull 2,000 resident) meta fil-fatt għandna biss sitta.

**ACCOUNTANT**

Iżda l-ikbar sfida għal-Amministrazjoni preżenti kienet dik tal-kuntrattur inkarigat miż-żamma tal-kotba tal-kontijiet (ACCOUNTANT). Sa mill-ewwel ġurnata li s-Sur Camilleri daħal lura bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Mosti, huwa ġibed l-attenzjoni li l-kotba tal-Kunsill ma kienux juru l-pożizjoni vera tal-Kunsill u għalhekk huwa kiteb kemm lid-Dipartiment tal-Kunsilli kif ukoll għarraf lil Kunsill f'diversi laqgħat tat-Kunsill li huwa ma jistax jaċċetta li jinżamm responsabbli għal nuqqasijiet tal-kuntrattur 'Accountant' li kellu l-Kunsill. Dan il-fatt ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Accountant huwa wkoll rifless fir-rapporti tal-Awdituri tal-Gvern (NAO) li għal-tliet snin konsekuttivi irraportaw li ma setgħux jagħtu opinjoni (No Opinion) dwar iż-żamma tal-kotba tal-Kunsill tal-Mosta. Kien minħabba diversi aġġustamenti li kellhom isiru fil-kotba tal-kontijiet li l-ewwel sena ta' dan is-Sitt Kunsill ghalqet b'*deficit* ta' 64,000 ewro. Dawn l-aggustamenti kellhom ta' bilfors isiru sabiex l-kotba tal-Kunsill juru stampa aktar realistika tas-sitwazjoni finanzjarja tal-Kunsill. Huwa ttamat li issa li ġie appuntat

kuntrattur (Accountant) ġdid s-sitwazjoni fejn tidħol żamma tal-kotba tal-kontijiet tal-Kunsill tiġi lura ghan-normal.

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Saru 30 il-laqgħa tal-Kunsill u il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 30 | | |
| Viċi Sindku Sur Joseph Demartino | 30 | | |
| Kunsillier Alexander Muscat | 24 | 3 | 3 |
| Kunsillier Sur Abraham Bezzina | 16 | 4 | 10 |
| Kunsillier Dr. Rachel Tua | 17 | 4 | 9 |
| Kunsillier Sur Mario Sammut | 23 | 7 | |
| Kunsillier Sinjorina Kirby Fenech | 12 | 10 | 8 |
| Kunsillier Sur James Cassar | 27 | 3 | |
| Kunsillier Sur Keith Cassar | 29 | 1 | |
| Kunsillier Sur David Meilak | 26 | 3 | 1 |
| Kunsillier Sinjura Marthese Mifsud | 28 | 2 | |

## PROĠETTI

Dwar diversi proġetti li saru minn dan s-sitt Kunsill f'dawn il-21 xahar ser titkellem s-Sindku Dr. Shirley Farrugia . Ngħidu biss li l-kordinament tax-xogħol li jinvolvu dawn il-proġetti jfisser xogħol kbir mill-amministrazzjoni.

L-amministrazzjoni ħadet ħsieb li tara li jsir il-manutenzjoni meħtieġa fil-binja tal-Kunsill, fosthom il-kisi mill-gdid bil-membrane tal-bejt tas-Sala tal-Komunita li kienet qed issirilha

ħsara kbira bix-xita. Dan sara  bi spiża konsiderevoli għal-Kunsill wara li għal-diversi snin dan il-bejt kien gie traskurat minkejja l-ħsarat li kienu qed isiru. Isir ukoll manutenzjoni kontinwa fil-bini taċ-ċentru ċiviku. Qed isiru diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-awtoritajiet tas-Saħħa għal stalazzjoni ta lift ġdid u kumpens aktar ekwu u ġust għal spejjes li jagħmel l-Kunsill fuq il-binja taċ-ċentru ċiviku.

**ATTIVITAJIET**

Saru diversi attivitajiet mill-Kunsill li jinkludu: Wirja Agrarja fil-Bidnija, Jum il-Mosta, Jum l-Annimali, Story Telling li jsir kull l-ewwel Sibt tax-xahar, tiżjin u attivitajiet tal-Milied, wirja tal-għasafar, u diversi attivitajiet oħra fuq skala iżgħar organizzati mid-diversi kunsilliera  bħal parties tal-Milied għat-tfal, ħarġiet għal-anzjani, u football tournaments.

**SERVIZZI**

Is-servizzi tal-ġbir ta' skart domestiku, tal-Bulky refuse, u knis tat-toroq huma  l-aktar servizzi impenjattivi li joffri l-Kunsill. Sar survey mar-residenti  kollha tal-Mosta sabiex jiġi deċiż jekk għandux isir tibdil fil-ħin tal- ġbir tal-iskart domestiku. Ir-residenti fil-maġġoranza tagħhom iddeċidew li dan għandu jibqa jsir fil-ħin ta' filgħaxija kif inhu fil-preżent.

Il-Kunsill baqa wkoll joffri s-servizz tal-Librerija u Youth Empowerment Service. Reġa beda jippubblika il-magazine 'Il-Kunsill Tiegħek' kull tlett xhur. Inħolqot paġna tal-Kunsill fuq Facebook u reġgħet ġiet attivata l-Website tal-Kunsill. Dan

biex l-Kunsill jaġġorna ruħu mas-sejħa taż-żminijiet. Inħareġ wkoll tender għal stalazzjoni ta cameras għal live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. B'hekk ir-residenti ikunu jistgħu jsegwu l-laqgħat mill-kumdita ta djarhom.

Is-Sala tal-Kommunita qed tintuża b'mod regolari minn diversi għaqdiet u NGO's tant li jkun hemm żmien li din tkun fully booked u li jkollna nirrifjutaw talbiet għal –laqggħat u attivitajiet.

Il-Kunsill qed jagħti servizzi oħra lil komunita mostija fosthom courses tal-Life Long Learning.

Ġie mixtri u stallat software ġdid ta Customer Care għal kontroll aħjar tal-permessi tal-krejniet u trenching.

Dan l-Kunsill sa issa ħareġ għoxrin tender sabiex tiġi regolata sitwazzjoni ta kwantita kbira ta tenders li kienu tħallew jiskadu bi ksur tar-regolamenti.

**ILMENTI**

Matul dawn ix-xhur il-Kunsill irċieva kwantita ta' talbiet u ilmenti li, fost oħrajn, jinkludu:

- Tiswija ta dwal tat-toroq.
- Patching u tiswija ta' toroq u bankini.
- Żebgħa ta linji u sinjal tat-traffiku fit-toroq fosthom għall-Parkeġġ Riservat, quddiem garages, u sleeping policemen.

- Irranġar ta' Bus Shelters, mirja u tabelli tat-traffiku.
- Ilma, drenaġġ u water culverts.

L'amministrazzjoni tagħmel kull ma tista sabiex taqdi dawn l-ilmenti u talbiet billi tikteb u tinsisti mal entitajiet diversi, li huma responsabbli, u fejn ikun il-każ isiru x-xogħolijiet bil-ħaddiema industrijali tal-Kunsill jew bil-kuntratturi tal-Kunsill.

L-amministrazzjoni iżda tixtieq li r-residenti jifhmu li mhux kollox jiddependi mill-Kunsill . Ħafna drabi l-Kunsill jkollu jirreferi għal-azzjoni u deċizjoni ta' entitajiet u dipartimenti governattivi oħra fosthom il-Pulizija, Transport Malta, Mepa, Korporazjoni tas-Servizzi tal- Ilma, EneMalta, etc. Sfortunatament mhux dejjem insibu l-koperazjoni mixtieqa u għalhekk r-residenti joħorġu diżappuntati.

**KONKLUŻJONI**

Ix-xogħol kollu li semmejna jirrikjedi xogħol amministrattiv intensiv u ma setax jitwettaq jekk mhux għal kollaborazjoni u entużjazmu tas-Sindku u l-Kunsilliera , tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv , tal-istaff klerikali u industriali u ta' persuni voluntiera oħra li b'sagrifiċju u dedikazzjoni kbira joffru l-ħin tagħhom mingħajr ebda pretenzjoni ta' kumpens.

Lil dawn kollha grazzi mill-qalb.